# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 968/00mm**

**Oliver Agius**

**vs**

**George Frendo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fil-25 ta' Lulju 2000 fejn talab lil din il-Qorti li prevja dikjarazzjoni ta' responsabilita' jhallas id-danni likwidati, b'imghax dovuti lill-attur, rapprezentanti danni minnu ikkagunati f'incident awtomobilistiku bejn vettura misjuqa mill-konvenut (Fiat Uno numru tar-registrazzjoni IAA 498) u dik ta' l-attur (Ford Escort, numru tar-registrazzjoni EAO 114) liema ncident sehh fi Triq Hal Qormi, Luqa, fil-21 ta' Mejju 2000 u l-imsemmi incident sehh unikament tort u htija tal-konvenut minhabba t-traskuragni, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku. (Dok A rapport, Dok B skizz).

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza l-ammont ma jeccedix Lm1,000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez billi ghall-incident awtomobilistiku 'de quo' ma kienx jahti l-eccipjent.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

B'riserva ta' kull azzjoni talvolta spettanti lill-eccipjent.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara f'Qormi Road, Hal Luqa fl-inkrocju illi hemm bejn Hal Farrug Road u t-triq li tibqa' taghti ghal Hal Luqa.

L-attur kien qed isuq il-karozza EAO 114 tal-marka Ford Escort u l-konvenut Fiat Uno bin-numru IAA 498. L-attur xehed illi huwa kien qed isuq f'Luqa Road u ried idur mar-*roundabout* sabiex jibqa sejjer fit-triq tieghu lejn Imgieret Road. Hekk kif kien

qieghed idur ma' din ir-*roundabout*, gie l-konvenut minn Qormi Road li kien ser jibqa tiela dritt lejn Hal Luqa, u baqa diehel fih.

Minn nahha l-ohra l-konvenut ighid li huwa kien tiela dritt lejn Hal Luqa. Waqt illi kien fl-inkrocju ezatt f'nofs it-triq gie l-attur minn fuq in-nahha tal-lemin tieghu u baqa diehel fuqu.

Il-kwistjoni kollha li qamet f'din il-kawza tirrigwarda din ir-*roundabout*. Peress illi qed jigi allegat mill-attur li din fil-fatt hija *roundabout* fejn allura ghandu jkun hemm id-drittijiet, u obbligi kollha konnessi ma' tali struttura, waqt li l-konvenut qieghed ighid li m'hija *roundabout* xejn izda biss struttura f'nofs it-triq biex tghin il-vetturi fil-perkors taghhom.

Ikkunsidrat:

Skond ix-xhieda tas-Surgent Vella illi nvestiga dan il-kaz u pprepara l-isketch, ighid illi ma' dan ir-*roundabout* ma hemm l-ebda sinjal biex jindikah bhala tali. Lanqas ma hemm sinjali ohra bhal *give way sign* jew inkella sinjali sabiex it-traffiku jigi diregit mod iehor. Il-konvenut qieghed jargumenta illi dan in-nuqqas ta' sinjali ma jaghmilx din l-istruttura *roundabout* u quindi kull min qieghed johrog mid-direzzjoni ta' Hal Farrug kellu joqghod ferm attent li ma jostakolax it-traffiku li jkun tiela ghad-dritt minn Qormi Road.

Minn nahha l-ohra l-konvenut sostna li mhux necessarju li jkun hemm indikazzjonijiet biex ikun hemm roundabout peress li dana jiddependi hafna mill-uzu li jkun qed isir minnha mill-

vetturi. Jekk dina sservi biex il-vetturi jduru maghha, allura ghandha tigi kkunsidrata bhala tali.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument u taghmel referenza ghal l-Artikolu 5 tal-Highway Code fejn jinghad illi: "…..it-traffic islands huma mahsuba sabiex ighinu  t-traffiku jimxi ahjar f'salib it-toroq. Imxi skond ma juru t-tabelli li jkun hemm qabel taqbad *traffic island* bhal dawn". Waqt li l-artikolu 6 ighid: "ir-roundabout hija ghamla specjali ta' *traffic island.* Din mhux bil-fors tkun ta' forma tonda, izda  tintgharaf minn tabelli apposta mwahhla fil-vicinanzi taghha. Huwa mportanti li wiehed joqghod attent ghat-tabelli bhal dawn, ghaliex ikunu jridu jigu obduti r-regoli normali ta' min ghandu d-dritta fuq ir-roundabout".

Apparti s-sentenza kkwotata mill-konvenut, l-Qorti taghmel referenza ghal decizzjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru,1999 fl-ismijiet <u>Joseph Borg vs Anthony Gauci</u> fejn f'din il-kawza l-Qorti kellha l-opportunita tezamina l-artikoli msemmija. Il-Qorti kkonfermat illi jekk ma jkun hemm ebda sinjali tat-traffiku li jindikaw li traffic island hija fil-fatt *roundabout* ebda sewwieq ma ghandu jipprezumi li hija *roundabout*. Pjuttost in-nuqqas ta' sinjali ghandu juri lill-istruttura in kwistjoni huwa *traffic island* normali u mhux *roundabout*.

Il-Qorti ghalhekk tiddikjara illi dik it-*traffic island* illi tidher fl-isketch u li hemm f'dan l-inkrocju partikolari  m'ghandhiex titqies bhala *roundabout* izda bhala *traffic island* fejn allura d-drittijiet u obbligi huma ben diversi.

F'dan il-kaz l-attur kien qed idur ma' *traffic island* u ried jaqsam *main road* biex jerggha jidhol f'triq ohra maghrufa bhala Imgieret Road. Kien il-konvenut li allura kellu d-dritta peress illi kien qed isuq ghad-dritt. Din is-sitwazzjoni kienet tinkombi certi obbligi fuq l-attur illi jcedi u joqghod attent ghall-vetturi li jkunu gejjin minn fuq ix-xellug tieghu, bhalma f'dan il-kaz kien gej il-konvenut.

Ex admissis l-attur ighid li ma ghamel xejn minn dan. Dehrlu li kellu d-dritta u baqa hiereg u gara l-incident inkwistjoni. Ma hemmx dubbju illi hawnhekk l-attur naqas bil-kbir fid-doveri tieghu meta telaq *side road* biex jaqsam *main road.* Kif gie ripurtat f'kawza Il-Pulizija vs Pawlu Borg (Vol XXXVI-1-797) "ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent sija jekk ikun fuq it-triq dritta kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, huwa nutruwittiv u hu principju affermat f'diversi decizzjonijiet ta' Qrati Inglizi illi driver illi sejjer jidhol fit-triq dritta minn triq ohra ghandu obbligu akbar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta ghas-semplici raguni illi huwa jkun sejjer jaqsam l-*stream of traffic* li jkun hemm fuq it-triq id-dritta, mentri d-driver fuq it-triq id-dritta la darba sejjer ikompli ghad-dritt ma jkun sejjer ifixkel lil hadd".

L-attur ghalhekk kellu l-obbligu bhal kull driver iehor illi qabel jaqsam it-triq jesploraha sew u ma jaqsamx qabel ma jkun "safe" ghalih u ghal haddiehor. Fil-kaz in ezami kif l-attur stess ammetta, ma waqafx kompletament biex jesplora t-triq imma baqa ghaddej u ma tax kaz il-karozzi illi setghu kienu telghin

minn Qormi Road minn fuq ix-xellug tieghu. Kien proprju dan il-kawza ta' dan l-incident fejn l-element ta' traskuragni da parti ta' l-attur gieghel lill-konvenut isib ruhu f'sitwazzjoni illi ma setghax jevita dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit
Dep Reg